# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**DISTRETT NAXXAR**

**Pulizija**

**vs**

**Saviour Busuttil**

**Illum, 17 ta' Jannar, 2022**

Il-Qorti

Rat it-tahrika tal-kawza tal-Pulizija li nharget kontra Saviour Busuttil bil-karta tal-identità numru 33754M, liema tahrika taqra *ad verbatim* is-segwenti:

> *"Billi inti akkuzat talli fil-granet ta' qabel l-1/2/2017*
>
> *1. Dawk il-persuni li, minħabba fl-istat, professjoni jew kariga tagħhom, jidħlu fl-ambitu tal-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminal, jinkludu dawn li ġejjin: membri ta' professjoni regolata mill-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet ligħandhom x'jaqsmu magħha, avukati, nutara, prokuraturi legali, ħaddiema soċjali, psikologi, accountants, udituri, impjegati u uffiċjali ta'*

*istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu, trustees, uffiċjali ta' kumpannija nominee,jew ta' nominee liċenzjata, persuni li jkollhom liċenza biex jipprovdu servizzi ta' investiment taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investimenti, stockbrokers li jkollhom liċenza taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, assiguraturi, aġenti tal-assigurazzjoni, managers tal-assigurazzjoni, brokers fl-assigurazzjoni u sotto-aġenti fl-assigurazzjoni, uffiċjali u impjegati tal-Istat.*

*2. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 10, persuna tibqa' suġġetta għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali anke wara li hi tkun waqfet teżerċita dak l-istat jew dik il-professjoni relevanti jew milli tibqa' f'dik il-kariga relevanti. Kap 9*

*3. Kull referenza f'liġijiet oħra għal "id-dmir ta' segretezza professjonali", jew espressjonijiet simili, għandhom minn issa 'l quddiem jiġu interpretati, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor, bħala referenza għad-dmir impost bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminal biex ma jikxifx sigriet li jkun jaqa' taħt dak l-artikolu. Art 3 Kap 377*

*Kif ukoll kull min, minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu, ikun sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, jikxef dan is-sigriet, ħlief fil-każijiet li fihom il-liġi tobbligah igħarrafhom lill-awtorità pubblika, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (46,587.47) jew ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien: Iżda, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, tkun difiża li turi li l-kxif ikun sar lil awtorità pubblika kompetenti f'Malta jew barra minn Malta li tkun qed tinvestiga xi att jew ommissjoni li jkun sar Malta u jkun jikkostitwixxi, jew jekk ikunsar barra minn Malta f'ċirkostanzi korrispondenti kien jikkostitwixxi -Kap. 101.(a) xi wieħed mir-reati li għalihom hemm riferenza fl-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi; jew(b) xi wieħed mir-reati li għalihom hemm riferenza fl-artikolu 120A(2)(a)(i) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhomx'jaqsmu magħha; jew*

*(ċ) xi reat ta' money laundering kif imfisser fl-Att kontra Money Laundering: Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tal-ewwel proviso ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal persuna li tkun membru tal-professjoni legali jew tal Art 257 Kap 9."*

Rat id-dokumenti kollha;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzioni finali;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Fit-trattazzjoni, id-difiza qajjmet l-argument illi t-tahrika tal-kawza hija wahda nieqsa mir-rekwiziti li tirrikjedi l-ligi. Gie allegat li t-tahrika hija monka minn kull dettal, u tikkonsisti biss sempliciment f'*copy u paste* tal-Artikolu 3 tal-Kap 377 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 257 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-parte civile sostna li d-difiza qatt ma qajjmet dan l-argument matul is-smigh ta' din il-kawza, filwaqt li argumenta li l-imputat jaf ben tajjeb fuq xiex hija l-kawza odjerna, u ghalfejn gie mressaq il-Qorti.

Din il-Qorti sejra qabel xejn, tqies dan l-argument imqajjem mid-difiza, qabel ma' tghaddi biex, jekk ikun il-kaz, tevalwa x-xhieda prodotta u l-mertu ta' dan il-kaz. Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza Taghha, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs Anthony Zahra Mark Piscopo, deciza fit-30 ta' Ottubru 2019, sostniet hekk dwar il-kontenut tac-citazzjoni:

"*Issa s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

*Illi minn qari akkurat tat-tahrika mahruga fil-konfront ta'l-appellant jirrizulta illi l-partikolarijiet tieghu gew indikati korrettament sabiex b'hekk ma hemm l-ebda dubbju dwar l-identita tieghu. Lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat li dwaru gie mixli fl-imsemmija tahrika."*

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza taghha moghtija fid-29 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Anthony Mangion:

*"Intqal kemm il-darba minn din il-Qorti, illi mhix mehtiega riproduzzjoni preciza tal-artikolu tal-ligi diretta bhala imputazzjoni. Dak li hu mehtieg huwa indikazzjoni tal-fatt allegat u f'dan il-kaz dan il-vot huwa sodisfatt mhux biss bid-deskrizzjoni izda ukoll bl-indikazzjoni tal-artikolu tal-ligi li ghalih irid iwiegeb l-imputat, anke jekk, skond gurisprudenza kostanti in rigward, lanqas din tal-ahhar mhi mehtiega."*

Issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Annemarie Xuereb) vs David Paris, deciza fit-3 ta' Ottubru 2019, fejn intqal:

*"Minn dan huwa evidenti illi l-appellant ghandu l-ewwel aggravju tieghu ibbazat fuq l-import tal-artikolu 360 (2) l-kodici Kriminali, cioe` li fic-citazzjoni m'hemmx il-fatti tal-akkuza fil-qosor' u ma hemmx indikat min kien l-allegat vitma ta' dan il-kaz u cioe min sofra l-pregudizzju necessarju ghall-esistenza tar-reat ta' frodi .*

*L-artikolu 360(2) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta li jipprovdi hekk:*

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-*

*partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."*

*Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens lic-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg (Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminal nhar il -25 ta' Lulju 1994, intqal:*

*"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli millqrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minfloka jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761).*

*Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni talpreskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet I1- Pulizija vs Noel Zarb Adami)."*

*U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fil-kawza flismijiet Il-Pulizija v.*

*Emanuel Buttigieg (Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminal nhar il -4 ta' Novembru, 1994):*

*"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu indikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita` u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghallimputazzjoni dedotta.*

*.....*

*Dan kollu premess ifisser lic-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."*

*Is-subartikolu (2) tal-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss lic-citazzjoni jkun fiha l-fatti tal-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija v. Philip Schembri (Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminal nhar it-18 ta' Novembru 1994), gie spjegat:*

*"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."*

*Fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Zahra (Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminal nhar it-18 ta' April 2011) l-appellant kien ecepixxa n-nullita' tac-citazzjoni għaliex l-imputazzjonijiet kienu vagi u fihom certa dettalji nieqsa fosthom indikazzjoni taż-żmien, pero din il-Qorti (diversament preseduta) interpretat dan lartikolu bil-mod li gej :*

*'L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond limputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid-dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li*

*fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh.*

*Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r-referenza ghall-"post", "hin" u "cirkostanzi" f'kull imputazzjoni ma hi xejn cara. Pero`, kif din il-Qorti kellha lokkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruħu adegwatament huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374,375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif ilProsekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat f'ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bilprovi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh.*

*Mill-provi mismugha wiehed seta' facilment jifhem il-"post", il-"hin" u c-"cirkostanza" ta' kull imputazzjoni. Meta, ghalhekk, l-appellant Zahra gie biex jaghmel id-difiza tieghu huwa kien jaf ezattament b'liema fatti kien qed jigi imputat, u liema kienu r-reati li kienu qed jigu ipotizzati fil-konfront tieghu.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Jurgen Vella) vs Duncan Cefai (5 Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminal nhar l-14 ta April 2016) Il-Qorti trattat dan l-aggravju u ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs*

*Brian Camilleri (Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminal nhar l-4 ta April 2016) fejn stqarret li l-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali jirregola c-citazzjoni, ossia l-ordni bil-miktub li biha titharrek persuna imputata ta' reat. "Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bilpartikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.". Kif kostantement deciz mill-Qrati taghna, dak li hu rikjest mill-prosekuzzjoni fit-tnedija tac-citazzjoni hu li tindika fiha l-fatti li dwarhom l-imputat hu mitlub jidher quddiem il-Qorti fiddata u hin indikati. Dawn il-fatti naturalment iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu il-persuna tkun imputata, igifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed ikun akkuzat u ghal liema reat jew reati irid iwiegeb (Il-Pulizija vs Philip Schembri App Krim 18.11.1994). Jibqa' biex ikun konsiderat imbaghad jekk dawk il-fatti kif migjuba fic-citazzjoni jammontawx ghal xi reat jew reati ohra (Il-Pulizija vs Joseph Farrugia (App Krim 13.1.1995). Jizdied ma' dan ukoll li ic-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skoretti tal-fatti (Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg App Krim 4.11.1994). Fis-sentenza l-ahhar citata, din il-Qorti wara li ccitat id-dibatti fil-Kunsill Tal-Gvern dwar l-origini tas-subartikolu (2) tal-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, rriteniet illi "ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghhom jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien". Il-mankanza tal-indikazzjoni tan-numru ta' registrazzjoni tad-dghajsa fil-kaz hawn devolut ma jirraviza ebda nullita' tac-citazzjoni u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;*

*Mill-process odjern jirriżulta wkoll li nstemgħu l-provi viva voce u gew registrati u għalhekk l-appellant seta' jifhem x'kien l-imputazzjonijiet dedotti kontrih. Di piu dan ma kienx xi kaz ta kawza sommarja li kienet qed tinstema f'seduta wahda izda hija kawza li damet pendenti quddiem*

*din il-Qorti ghal iktar minn sentejn u ghalhekk zgur li wara dan iz-zmien kollu u wara li semgha ix xhieda imresqa mill-proesekuzzjoni kien jaf ghal xiex kien qed jigi akkuzat tant li anke difiza hejja l-avukat tieghu.*

*Fil-kaz in ezami, huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx indikat isem l-allegat vittma u forsi ma hemmx l-fatti fil-qosor li wasslu ghall-hrug tal-akkuzi pero dawn in-nuqqasijiet ma jrendux c-citazzjoni nulla. Il-fatti kollha kif imsemmijin fic-citazzjoni juru b'mod car ir-reat li tieghu l-appellant gie imputat, b'hekk li meta deher quddiem l-ewwel Qorti kien jaf ta' liema reat huwa kien qieghed jigi akkuzat. Waqt is-smiegh tal-provi imbaghad irrizulta min kien l-allegat vittma u cioe Philip Attard u x'kienu l-fatti tal-kaz imputat lilu. Konsegwentement dan l-aggravju ma hux qed jigi milqugh."*

Il-Qorti, wara li qieset din il-gurisprudenza fuq riferita, tqies li ghalkemm ic-citazzjoni giet miktuba b'mod mill-inqas felici, u setghet giet miktuba ferm ahjar, in-nuqqasijiet li hemm fiha, ma jirrendux din ic-citazzjoni nulla. In fatti, ic-citazzjoni tikkontjenti l-konnotati tal-imputat, iz-zmien ta' meta allegatament sehh l-akkadut, u riproduzzjoni tat-test tal-Artikolu 3 tal-Kap 377 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 257 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mic-citazzjoni jirrizulta liema huwa r-reat li l-imputat qed jigi akkuzat bih, tant li giet imnizzla wkoll il-piena li jista' jehel f'kaz ta' htija. Din il-kawza hadet iz-zmien taghha sabiex tinstema', u fl-ebda hin ma giet migbuda l-attenzjoni ta' din il-Qorti, li l-imputat ma kienx jaf ghalxiex huwa akkuzat. In oltre, instemghu x-xhieda, u l-imputat ghalhekk, kien konsapevoli wara li sema' l-istess xhieda dwar ghalxiex huwa akkuzat.

Ghaldaqstant, dan l-argument imressaq mid-difiza ma jregix, u sejjer jigi michud u skartat minn din il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina l-imputazzjonijiet imressqa.

Dwar l-Artikolu 257 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan gie ezaminat fid-dawl tal-Artikolu 133 tal-Kodici Kriminali, minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fil-kawza, Il-Pulizija (Spettur Justin Camilleri) vs Roderick Sammut, deciza fid-29 ta' April, 2019:

> *"Illi l- Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali jghid dan dwar dak li llum hu l-artikolu 133 tal-Kodici Kriminali, ir-reat ravvizat bis-seba imputazzjoni: (88 Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law)*
>
> *Section 131 of the Criminal Code which creates this offence is identical with article 177 of the Italian Code of 1889, apart from the saving which our provision makes of any acse where the act of the offender constitutes a more serious crime as, for instance, under the Official Secrets Ordinance (Chapter 82) or a crime of treason under Section 56 of the Criminal Code.*
>
> *This crime can be committed only by a public officer or servant. Breach of secrecy by other persons, exercising a profession or calling involving confidence, is dealt with under Section 270 [illum 257] of the Criminal Code.*
>
> *The said crime can be committed not only in relation to documents but also in relation to "facts" –*
>
> *"potendovi essere interesse a custodire il segreto di fatti conosciuti come di documenti posseduti: fatti conosciuti per ordini, per comunicazioni verbali, per dispacci ricevuti." (Report of the Chamber of Deputies on the project of 1887, n.exlii).*
>
> *The material act may consist alternatively in "communicating" or "publishing" or "in any manner facilitating the knowledge" of any document or fact held by or known to the agent by reason of his office.*
>
> *"Communicating literally means giving information of the matter to a determinate person; "publishing" means a disclosure made, not so much repeatedly to different persons, as by means of indeterminate and exetnsive prublicity.*
>
> *It need hardly be said that to constitute the crime, the disclosure of the secret matter made by the public officer or*

*servant must be wilful...made with the consciousness of contravening the legal prohibition. Mere negligence or imprudence is not sufficient, saving, of curse any disciplinary action which such negligence or imprudence may entail.*

*Finally, where the disclosure of any secret document or fact is made by a public officer or servant as a result of corruption, the case would fall to be governed by the proisions applicable thereto and not by section 131. (Confer Carrara, Programma Parte Specilae, Vol.V. para.2557; Maino, op.cit.art.177, para.951.)*

*Issir riferenza ghas-sentenza ta-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizja vs Emanuel Faure`(Per Onor. Imhallef David Scicluna, Deciza 8 ta' Gunju, 2011).*

*Permezz tar-raba' aggravju tieghu l-appellant jghid li fost l-artikoli citati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju kien hemm l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali. Jghid li stante li l-appellat instab hati taht l-artikolu 133, kellu jinstab hati wkoll taht l-artikolu 257 ghax skond l-Att dwar Segretezza Professjonali (Kap. 377 tal-Ligijiet ta' Malta) kull ufficjal pubbliku li jizvela informazzjoni kunfidenzjali hu hati taht dan l-artikolu wkoll.*

*L-appellant hawn ghandu ragun. L-artikolu 3(1) tal-Kap. 377 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li dawk il-persuni li, minhabba fl-istat, professjoni jew kariga taghhom, jidhlu fl-ambitu ta' l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali, jinkludu, inter alia, ufficjali u impjegati ta' l-Istat. Skond l-artikolu 2(2)(b) ta' l-istess Kap. 377, "impjegati ta' l-Istat" jinkludu impjegati ta' korp kostitwit imwaqqaf b'ligi, bhalma hija l-Enemalta. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ssib htija anke taht l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali, b'dan li r-reat kontemplat fl-artikolu 133 tal-Kodici Kriminali huwa assorbit fir-reat kontemplat fl-artikolu 257 imsemmi.*

*Illi filwaqt li taht l-artiklu 133 tal-Kodici Kriminali l-awtur irid ikun "uffiċjal jew impjegat pubbliku", l-artiklu 257 tal-Kodici japplika b'mod generali ghal kull min minhabba l-kariga jew professjoni tieghu issir depozitarju ta' xi sigriet u dan salv ghall-eccezzjoniiet msemmija fl-istess artikolu.*

*Illi mhemmx dubbju li l-informazzjoni kontenuta f'rapport li ghandhom access ghalih biss ufficjali tal-Pulizija, tista' titqies bhala informazzjoni munita bis-segretezza li jirreferu ghaliha dawn iz-zewg disposizzjonijiet.*

*Gie ampjament ppruvat li l-imputat ghadda dik l-informazzjoni lil terza persuna u b'hekk zvela dak li kellu jibqa' protett bil-kunfidenzjalita`, kixef sigriet u ghen sabiex informazzjoni, li kienet ilha mistura bis-salvagwardji li s-sistema tal-PIRS thaddan sa minn Settembru, 2016, issir maghrufa.*

*Dwar dak li jikkostitiwxxi jew li ghandu jibqa' "sigriet" il-Qorti tal-Appell Kriminali wriet it-tifsira wiesa li tali kelma igorr:(Dominic Mintoff Et Vs Rev Dun Francesco Saverio Bianco; Per Onor. Imhallef W.Harding; Deciza 14 t'Ottubru, 1961 (Vol.XLV.D. IV.1064-1065)*

*Il-"praxis curiae" ta' dawn il-Qrati kienet dejjem fis-sens li editur jew l-istampatur ma jigux kostretti jizvelaw l-identita` tal-kontributuri ghall-gurnal taghhom. L-editur jew l-istampatur, meta jircevu kontribuzzjonijiet ghall-publikazzjoni fil-gurnal taghhom, ikunu qeghdin jircevuhom minhabba li huma qeghdin appuntu jezercitaw il-professjoni jew mesjier ta' editor jew stampatur, u ghalhekk, jekk il-kontribwent irid jibqa' anonimu, issiru, bhala tali, depozitarji ta' sigriet, u jekk jizvelawh jistghu, in linea massima, u fil-kazijiet kongruwi, jaqghu anki that is-sanzjonijiet tal-Ligi Kriminali (art.270 Kod. Krim.).*

*Illi fis-sentenza parzjali tal-Qorti Kriminali Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Noel Arrigo LL.D. intqal:( Per Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo; Deciza 24 ta' Novembru, 2009)*

*It-tielet kap tal-att ta' akkuża huwa mibni fuq l-art. 133 tal-Kodici Kriminali:*

*133. Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li jikkomunika jew jippubblika dokument jew fatt li jkun gie fdat lilu jew li jkun gie magħruf minnu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, u illi għandu jibqa' sigriet, jew illi b'xi mod igħin biex jigi magħruf, meta l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi fih innifsu delitt aktar gravi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena*

*ta' prigunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena jew il-multa.*

*Dwar din l-akkuża ftit hemm xi tgħid. L-akkużat stess stqarr li kixef kif sejra tkun is-sentenza qabel ma ngħatat: dan ammettieh kemm – skond hu b'mod esaggerat – fl-istqarrija "tattika" quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija u kemm meta minjeddu xehed quddiem din il-qorti, meta ammetta biss għal okkażjoni waħda meta lil Grech Sant fil-jum ta' qabel ma kellha tingħata s-sentenza qallu kif sejra tkun. F'kull każ, ukoll jekk titwemmen it-tieni verżjoni, hemm l-elementi kollha ta' kxif ta' fatt jew dokument li, fil-waqt meta inkixef, kellu jibqa' sigriet.*

*Lanqas ma taqbel il-qorti mal-argument tad-difiża li din id-disposizzjoni tal-ligi tolqot biss dokumenti li jridu jibqgħu sigrieti għal dejjem u mhux biss, bħas-sentenzi tal-qrati, sakemm jigu pubblikati. Li hu meħtieg hu li d-dokument jew fatt kellu jinżamm sigriet fil-waqt meta nkixef.*

*Ukoll ma taqbilx il-qorti li l-akkużat kellu jigi mixli mhux bi kxif ta' sigrieti ufficjali taħt l-art. 133 iżda bi kxif ta' sigrieti professjonali, li hu delitt aktar gravi taħt l-art. 257 tal-Kodici Kriminali. Huwa l-art. 133 li jolqot sigrieti tal-istat jew ta' entità tal-istat, bħal ma huwa l-organu gudizzjarju. F'kull każ, jekk sigriet ufficjali jkun ukoll sigriet professjonali, id-delitt taħt l-art. 133 huwa kompriż u involut f'dak taħt l-art. 257.*

*Ghalhekk fid-dawl tal-provi prodotti dawn l-ahhar zewg imputazzjonijiet gew soddisfacentement ippruvati wkoll."*

Madanakollu, qabel ma' din il-Qorti tevalwa x-xhieda prodotta u l-mertu ta' dan il-kaz, tqies li ghandha tissottolinja, li ai termini tal-Artikolu 4(1) tal-Kap 377 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ghandhom jinbdew ebda procedimenti ghal reat taht l-Artikolu 257 tal-Kodici Kriminali, minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Avukat Generali. F'din il-kawza, fl-ebda hin ma giet imressqa prova li nghatat l-awtorizazzjoni tal-Avukat Generali sabiex tinbeda din il-procedura.

Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' tali prova, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra, ghajr li tieqaf hawn l-ezami Taghha

**Per konsegwenza, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti tirrileva li l-proceduri odjerni in kwantu jirreferu ghall-Artikolu 3 tal-Kap 377 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 257 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma setghux isiru minghajr l-awtorizazzjoni tal-Avukat Generali, u stante li minn ezami processwali, din hija nieqsa, din il-procedura hija nulla. Konsegwentement, din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imputazzjonijiet imressqa u tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni.**

Magistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur